KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 432 (8-60)

It-Tnejn 20 ta' Frar 2023 fis-6.15 ta' filgħaxija b'urġenza.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**432.1** **Approvazzjoni tan-nominazzjonijiet tal-Mertu Onorefiċenza Siġġiewi u Rikonoxximent għas-sena 2023**

Is-Sindku ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni imlaqqa' fil-11 ta' Frar 2023 fid-9.30am u kompost minn dawn il-membri:
Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Is-Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

Ġew riċevuti 5 nominizzjonijiet għal Unur Onorefiċenza għal din is-sena:

- Epifanio Vella (persuna b'diżabilta' attiv fis-soċjeta')
- Brian Cahia (presipista li rebaħ diversi premjijiet anka internazzjonali)
- Nikola Buġeja (Inġinier)
- Eman Ciappara (sportiv)
- Nicholas Vella (surmast tal-banda)

Nomina għal rikonoxximent b'ħidma lejn is-Siġġiewi

- Frans Mizzi (ħaddiem)

Il-bord iddiskuta kull nominazzjoni u l-kontribut li kull persuna tat lejn is-Siġġiewi u l-komunita'. Kien hemm qbil li l-persuni nominati kollha taw xi tip ta' kontribut xieraq u kollha ħaqqhom li jiġu onorati.

Is-Sindku ressaq ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomdandazzjonijiet.

**Approvazzjoni tal-Budget, Business Plan u l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023**

Is-Sindku preżenta kopja tal-Budget għas-sena finanzjarja 2023, u l-Pjan Finanzjarju għas-snin li ġejjin u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tati spjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tad-dħul ta' fondi u tal-infiq previst kif spjegat fir-rapport.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet dwar dan.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk is-servizz tal-ġbir ta' skart, li minn Jannar ġie taħt ir-Reġjun, kienx ser jitħallas mill-fondi tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv u qalet li sal-lum għad mhux magħruf x'inhi l-ispiża eżatt u lanqas tat-tipping fees u qed nistennew informazzjoni mir-Reġjun u anka mid-Dipartiment.

Il-Kunsill unanimament approva dawn ir-rapporti.

**Unaudited Financial Report għas-sena finanzjarja 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2022.

Is-Sindku propona l-approvazzjoni.
Il-Kunsill unanimament approva.

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv